

Il-Ħamis, 12 ta' Marzu 2009

6. Jistieden lill-Kunsill Ewropew u lill-Kummissjoni biex jappoġġjaw lill-GRP fl-isforzi tagħha għall-avvant tan-negozjati għall-paċi, inkluż permezz ta' faċilitazzjoni fil-każ li tintalab, kif ukoll permezz ta' appoġġ għat-Tim ta' Monitoraġġ Internazzjonali responsabbli biex jissorvelja l-waqfien mill-ġlied bejn il-militar u l-MILF;
7. Jissuġġerixxi li l-irwol tat-Tim ta' Monitoraġġ Internazzjonali jikber permezz ta' mandat iktar b'saħħtu biex jitwettqu l-investigazzjonijiet u permezz ta' politika li jkun hemm ftehim dwarha biex ir-riżultati tiegħu jiġu ppubblikati;
8. Jistieden lill-GRP biex iżżid l-għajjnuna għall-iżvilupp lil Mindanao sabiex jitjiebu l-kundizzjonijiet iddisprati tal-għajxien tal-popolazzjoni lokali u jilqa' b'sodisfazzjon l-għajjnuna finanzjarja ta' iktar minn EUR13-il miljun fikel u f'assistenza mhux alimentari li l-UE tat lil Mindanao minn meta reġa' beda l-ġlied f'Awwissu tal-2008;
9. Jesprimi t-tħassib serju tiegħu fir-rigward tal-mijiet ta' każijiet ta' qtil extraġudizzjarju ta' ġurnalisti u attivisti politiċi li seħħew fin-snin reċenti fil-Filippini, u l-irwol li kellhom il-forzi tas-sigurtà fl-organizzar u t-twettiq ta' dan il-qtil;
10. Jistieden lill-GRP biex tinvestiga l-każijiet ta' qtil extraġudizzjarju u l-għejbien furzat; fl-istess ħin jistieden lill-GRP biex twaqqaf mekkaniżmu ta' monitoraġġ indipendenti għas-sorveljanza tal-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' dawk responsabbli minn tali atti;
11. Jistieden lill-GRP biex tadotta miżuri sabiex jintemmu l-intimidazzjonijiet u l-fastidji sistematiċi tal-attivisti politiċi u l-attivisti favur id-drittijiet tal-bniedem, tal-membri tas-soċjetà ċivili, tal-ġurnalisti u tax-xhieda fil-prosekuzzjonijiet kriminali u biex tiżgura protezzjoni verament effettiva tax-xhieda;
12. Itenni t-talba tiegħu lill-Awtoritajiet Filippini biex jagħtu aċċess bla restrizzjoni għall-pajjiż lill-korpi speċjali tan-NU li jieħdu ħsieb il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem; iħeġġeġ ukoll lill-awtoritajiet biex jadottaw u jimplementaw malajr liġijiet sabiex l-istrumenti tad-drittijiet tal-bniedem (eż. kontra t-tortura u l-għejbien sfurzat) li ġew irratifikati jiġu inkorporati fil-liġi nazzjonali;
13. Jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jiżguraw li l-assistenza finanzjarja tal-UE għall-iżvilupp ekonomiku tal-Filippini tkun akkumpanjata minn skrutinju ta' ksur possibbli tad-drittijiet ekonomiċi, soċjali u kulturali, filwaqt li tingħata attenzjoni speċjali biex jiġu mħeġġa d-djalogu u l-inklużjoni fil-gruppi kollha tas-soċjetà;
14. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-President u lill-Gvern tar-Repubblika tal-Filippini, lill-MILF, lill-NDFP, lill-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem u lill-gvernijiet tal-Istati Membri tal-ASEAN.

---

## It-tkeċċija tal-NGOs mid-Darfur

P6\_TA(2009)0145

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Marzu 2009 dwar it-tkeċċija tal-NGOs mid-Darfur**

(2010/C 87 E/39)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tal-Prezidenza fisem l-Unjoni Ewropea wara d-deċiżjoni tal-Qorti Kriminali Internazzjonali (ICC) rigward il-mandat ta' arrest kontra l-President tas-Sudan Omar Hassan al-Bashir fis-6 ta' Marzu 2009,

**Il-Ħamis, 12 ta' Marzu 2009**

- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-Kummissarju Louis Michel tal-5 ta' Marzu 2009 dwar it-tkeċċija tal-NGOs tal-għajnuna umanitarja mis-Sudan,
  - wara li kkunsidra r-risoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar is-sitwazzjoni fid-Darfur/Sudan, fejn esprima b'mod partikolari l-appoġġ tiegħu lill-ICC,
  - wara li kkunsidra l-Istatut ta' Ruma tal-ICC u d-dħul fis-seħħ tiegħu fl-1 ta' Lulju 2002,
  - wara li kkunsidra r-Risoluzzjoni S/Res/1593 (2005) adottata mill-Kunsill ta' Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti tal-31 ta' Marzu 2005, fejn is-sitwazzjoni fid-Darfur ġiet riferuta lill-ICC,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 115(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi fl-4 ta' Marzu 2009, il-Kamra ta' Qabel il-Proċessi tal-ICC ħarġet mandat ta' arrest kontra l-President tas-Sudan Omar Hassan al-Bashir, b'konnessjoni ma' allegazzjoni ta' reati kontra l-umanità fil-provinċja Sudaniża mimlija kunflitti tad-Darfur,
- B. billi, bħala reazzjoni għad-deċiżjoni tal-ICC, il-Gvern tas-Sudan iddeċieda li jkeċċi 13-il NGO ewlenin mid-Darfur;
- C. billi l-aġenziji ta' għajnuna fid-Darfur qed imexxu l-ikbar operazzjoni umanitarja fid-dinja; billi n-Nazzjonijiet Uniti jirrapportaw li numru li joqrob 4,7 miljun persuna, inklużi 2,7 miljun persuna m'caqalqa internament, jeħtieġu l-għajnuna,
- D. billi t-tkeċċija tal-aġenziji tal-għajnuna tista' twassal għal żieda fil-mortalità u fil-morbożità dovuta għall-waqfien tas-servizzi tas-saħħa u t-tifqigħa ta' mard infettuż, bħad-diarrhoea u infezzjonijiet respiratorji; billi l-konsegwenzi tat-tkeċċija jistgħu jinkludu kopertura ta' immunizzazzjoni mnaqqa u żieda fl-imwiet fost it-tfal, jekk dawn ma jkollhomx aċċess għal servizzi terapewtiċi ta' ikel u ta' nutrizzjoni,
- E. billi l-organizzazzjonijiet tkeċċew fi żmien meta kien hemm bżonn vitali tas-servizzi tagħhom, partikolarment peress li bħalissa hemm epidemija tal-meninġite fid-Darfur tal-Punent; billi minħabba t-tkeċċija, il-persuni sofferenti se jisfaw b'aċċess limitat ferm jew mingħajr aċċess għal trattament mediku,
- F. billi l-prinċipju tan-NU ta' "Responsabilità li Tipproteġi" jistipula li fejn l-awtoritajiet nazzjonali jonqsu b'mod ċar milli jipproteġu l-popolazzjonijiet tagħhom, oħrajn għandhom ir-responsabilità li jipprovdu l-protezzjoni meħtieġa,
- G. billi l-Gvern tas-Sudan, bħala membru tan-NU, huwa obligat li jikkopera mal-ICC skont ir-Risoluzzjoni S/Res/1593 (2005), li l-Kunsill tas-Sigurtà adotta permezz tas-setgħat tiegħu skont il-Kapitolu 7 tagħha,
- H. billi hu ixxukkjat ħafna mill-fatt li, minn meta nħareġ il-mandat ta' arrest, il-Gvern tas-Sudan ripetutament irrifjuta li jikkopera mal-ICC u fil-fatt żied l-atti ta' sfida kontra l-ICC u kontra l-komunità internazzjonali,
1. Jikkundanna bis-saħħa t-tkeċċija ta' 13-il aġenzija ta' għajnuna umanitarja mid-Darfur, bħala reazzjoni għall-mandat ta' arrest li nħareġ mill-ICC kontra l-President al-Bashir fl-4 ta' Marzu 2009;

**Il-Ħamis, 12 ta' Marzu 2009**

2. Jitlob għall-ħelsien immedjat u mingħajr kundizzjoni tal-volontarji kollha tas-sezzjoni Belġjana ta' Médecins sans Frontière li nħatfu fil-11 ta' Marzu 2009 mill-uffiċji ta' MSF-Belġju f'Saraf Umra, 200 km 'il bogħod minn El Facher, il-kapitali tad-Darfur tat-Tramuntana;
  3. Jinsab ferm imħasseb dwar l-impatt immedjat tat-tkeċċija fuq il-provvista ta' għajjnuna umanitarja li hija fundamentali għal mijiet ta' eluf ta' persuni;
  4. Jitlob lill-Gvern tas-Sudan biex jirtira b'mod immedjat id-deċiżjoni tiegħu li jkeċċi 13-il aġenzija ta' għajjnuna umanitarja u jippermettilhom li jkomplu l-ħidma essenzjali tagħhom billi jiżguraw is-sopravivenza tal-popolazzjonijiet vulnerabbli fid-Darfur; jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex iżidu l-isforzi tagħhom fir-rigward tal-Unjoni Afrikana, il-Lega Għarbija u ċ-Ċina, sabiex dawn jikkonvinċu lill-Gvern tas-Sudan biex jirtira d-deċiżjoni tiegħu;
  5. Jistieden lill-Gvern tas-Sudan biex jieħu passi pożittivi sabiex jiżgura li d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem fis-Sudan ma jiġux persegwitati jekk jikkellmu pożittivament dwar id-deċiżjoni tal-ICC u biex ma jwettqu l-ebda molestja jew intimidazzjoni kontra d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem;
  6. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Rappreżentant Speċjali tal-UE għas-Sudan, lill-Gvern tas-Sudan, lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri u lill-Membri tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni Afrikana, lill-istituzzjonijiet tal-Lega Għarbija u lill-Prosekutur tal-Qorti Kriminali Internazzjonali.
-